CAFOD
just one world

# Il-Beatitudnijiet

Matthew 5: 1-12

Translated and added stories Ms.Rebecca Falzon

Ġesú

tela' fuq

muntanja u poġġa bilqiegħda...




Hu beda jgħallimhom

billi qalilhom...

Ħenjin/Ferħanin huma dawk foqra fl-Ispirtu,




għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.

Ms.Rebecca Falzon

- **Min taħsbu li jkun l-aktar kuntent?**

1. Il-mamà u l-papà jaħdmu t-tnejn iżda dejjem isibu ħin biex jqattgħu ħin mat-tfal tagħhom, daqqa jaqraw flimkien, ġieli jilagħbu noli jew ħarba u drabi oħra joħorġu xi dawra żgħira. Dejjem jagħmlu ħilithom biex jieklu u jitolbu flimkien.

2. Il-mamà u l-papà jaħdmu t-tnejn ħinijiet twal ħalli jkollhom ħafna flus. Lit-tifel tagħhom bilkemm għandhom ċans jarawh imma jixtrulu kull ma jkun irid. Dejjem b'xi logħba

Ms.Rebecca Falzon

Ferħanin huma dawk li **jħennu**

u jaħsbu f’ħaddieħor għaliex huma
jsibu min iħenn għalihom.



Sakemm Tanja bdiet tfittex lill-kelb tagħha, ħdejn ż-żurżieqa rat tifla żgħira weħidha tibki.Tanja iddispjaċiha iżda ma kinitx taf x'għandha tagħmel għax hi riedet tfittex lill-kelb tagħha. Għalkemm dan mhux l-ewwel darba li ħarbilha u reġa' ġie lura.

Ms.Rebecca Falzon

Qalbha ma tathiex u għalhekk marret ħdejha u staqsietha x'kien ġralha. It-tifla ż-żgħira ma kinitx taf fejnha ommha. Tanja għanqitha magħha u qaltilha li ser tgħinha tfittixha.



Tanja ħarset ħarsa madwarha, din id-darba mhux biex tara fejn hu l-kelb imma biex tara jekk issibx lill-omm ta’ din it-tifla.  Ġietha idea li jitilgħu fuq nett taż-żurżieqa u la jkunu fil-għoli jkollhom aktar ċans li jsibuha. Hekk għamlu u mill-ewwel rawha. Tanja ħadet lit-tifla ħdejn ommha. Tgħidx kemm ferħu. Wara lil Tanja għenuha huma wkoll, billi fittxew il-kelb magħha.Ma damux ma sabu l-kelb huma wkoll.

Ms.Rebecca Falzon



Ms.Rebecca Falzon

Ferħanin
huma dawk
ta' qalbhom tajba,

għaliex
huma
jkunu aktar kuntenti.



Ms.Rebecca Falzon

Li tkun qalbek tajba ma jfissirx li tħalli lill-ħaddieħor jagħmel li jrid bik iżda tkun dejjem lest li tgħin. Dawn in-nies jippruvaw iferrħu lil ħaddieħor billi jużaw it-talenti tagħhom. Eżempju ipinġu kartolina u jmorru jżuru lil xi ħadd l-isptar.



# Niddiskutu

- Tistgħu tgħid eżempji ta' xi ħadd li wera li għandu/għandha qalbu/qalbha tajba?

# Ferħanin

huma dawk li jġibu l-paċi għax

Ms.Rebecca Falzon



huma

Jissejħu t-tfal t' Alla.

Ms.Rebecca Falzon

# Niddiskutu

X'nistgħu naħmlu biex inżommu l-paċi?

Jekk xi ħadd jgħajjarna x'għandna nagħmlu?

Jekk naraw lil sħabna jiġġieldu x'nistgħu nagħmlu?

Ferħanin
ikunu dawk li jiġu
ppersegwitati (mweġġa')

għax iridu jagħmlu s- sewwa,



għaliex wara jgawdu

fis-Saltna t'Alla (ġenna).

Ms.Rebecca Falzon

# Niddiskutu

Ms.Rebecca Falzon

Jekk nafu li qed nagħmlu s-sewwa m'għandniex inħallu lil ħadd milli jwaqqafna.

Niddiskutu li mhux dejjem faċli li ngħidu l-verita' imma dejjem hija l-aħjar għażla.

Illustrations by Ellis Nadler